**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 2/12 JZM**

**Pierre Cremona**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

**Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Jannar 2012 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (GC) li jaqra hekk :–**

*Illi kontra r-rikorrent inharget Att ta` Akkuza numru 7/2011.*

*Illi in effetti l-Avukat Generali qed jakkuza lill-esponent b`erba` kapi t`akkuza koncernanti spacc tad-droga eroina u kokaina.*

*Illi esebit in atti hemm l-istatement tal-akkuzat a foglio 239 tal-process kif ukoll ix-xhieda tieghu bil-gurament mehuda mill-Magistrat inkwerenti Antonio Mizzi fol 251.*

*Illi meta l-esponent irrilaxxa dawn iz-zewg stqarrijiet, ma kellux il-facilita` jikkomunika mal-avukat difensur tieghu stante li l-ligi nostrali f`dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghal tali jedd.*

*Illi minhabba fil-premess ir-rikorrent isostni li gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-artiklu 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi ghandu jigi enfasizzat li dan id-dritt gie affermat kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qrati taghna.*

*Illi l-unika kwistjoni li baqghet in dibattitu hi jekk dawn l-istqarrijiet ghandhomx jigu sfilzati jew inkella l-Imhallef sedenti ghandux jindirizza lill-gurati fuq il-validita` o meno tal-istqarrijiet.*

*Illi in effetti jirrizulta li hemm kuntrast bejn l-enuncjamenti tal-Qorti Kriminali f`dan is-sens u l-Qorti Civili (ara Charles Stephen Muscat –vs- L-Avukat Generali deciza 10/10/2011, u r-Repubblika ta` Malta –vs- Sergii Nykytiuk deciza mill-Qorti Kriminali 26/10/2011).*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja tiddikjara li d-drittijiet tieghu ghal smigh xieraq gew kompromessi ghar-ragunijiet suesposti, tordna l-isfilz tal-istatements tar-rikorrent u taghti dawk il-provvedimenti u direttivi sabiex jigu mharsa d-drittijiet inerenti tal-esponent.*

Rat ir-risposta prezentata fit-<u>18 ta` Jannar 2012</u> li taqra hekk :–

*Illi l-lanjanza fir-rikors promotur hija fis-sens illi "meta l-esponent irrilaxxa dawn iz-zewg stqarrijiet, ma kellux il-facilita` jikkomunika ma` l-avukat difensur tieghu stante li l-ligi nostrali f`dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghal tali jedd. Illi minhabba fil-premess ir-rikorrent jsostni li gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-artiklu 6 (3) (c) u 6 (1) tal-Konvenzjoni tal-Bniedem." Illi bhala rimedju, ir-rikorrenti qed jitlob l-isfilz ta` l-istqarrijiet li rrilaxxa.*

*Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :-*

*L-esponenti jissottometti illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta` assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta` smiegh xieraq meta persuna tkun akkuzata b`reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta` assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u irriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-investigazzjoni. L-esponenti jirrileva illi certament illi mhux il-kaz illi l-Qorti Ewropea irriteniet illi jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta` dritt ta` smiegh xieraq.*

*L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta` smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-procedura u mhux fir-rigward ta` mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrenti fejn qed jiffoka fuq l-istadju ta` l-interrogazzjoni. L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta` smiegh xieraq ma jistax ikun evalwat fir-rigward ta` mumenti li sehhew qabel ir-rikorrenti effettivament kien tressaq bhala akkuzat. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet* ***"Imbroscia v. Switzerland"*** *(applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropea fl-24 ta` Novembru 1993) :-*

*"The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".*

*L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija illi ta. Ir-rikorrenti inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta` jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-akkuzat kien inqabad in flagrante.*

*L-esponenti jissottometti illi fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validita` jew il-volontarjeta` ta` l-istqarrija da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara snin mir-rilaxx ta` tali stqarrija u waqt is-seduta fir-rigward ta` l-eccezzjonijiet preliminari relattiv ghal dan il-guri liema seduta kienet appuntata fl-10 ta` Ottubru 2011, li qieghdha issa tigi attakata l-istqarrija sabiex l-istess rikorrent jittanta jistultifika l-proceduri penali fuq il-pretensjoni li allegatament l-istqarrija ttiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*L-esponenti jissottometti illi c-cirkostanzi tal-kaz odjern huma ghal kollox differenti minn dawk li jiffurmaw il-fattispecie tal-kazijiet maqtugha recentement mill-Qorti Ewropea u dan peress illi f`dawk il-kazijiet ma kienet tirrizulta ebda prova materjali ohra li kienet ta` importanza konsiderevoli u li setghet twassal ghall-htija ta` l-akkuzat. Kuntrarjament ghal dan, fil-kaz tar-rikorrenti d-droga mertu tal-proceduri penali instabet fil-vettura tar-rikorrenti u dan fil-prezenza ta` xhieda okulari.*

*L-esponenti jissottometti illi recentement l-Qrati nostrali kellhom l-opportunita` illi jezaminaw dan il-punt u l-Qorti Kostituzzjonali f`dawn il-pronunzjamenti stabbiliet principju illi kull kaz irid jigi analizzat u skrutinizzat fit-totalita` tieghu u fuq il-fattispecie partikolari tal-kaz partikolari. Il-fatt li persuna suspettata ma tkunx assitita minn avukat waqt l-interrogatorju ma jilledix id-dritt ghas-smiegh xieraq tant hu hekk illi l-istess Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-ligi vigenti li taghti lok ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni instabet illi effettivament hija in linea mad-disposizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali.*

*L-esponenti jissottometti illi ghalkemm l-Artikolu 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni ghandu jinqara flimkien ma` l-Artikolu 6 (1), ksur ta` l-Artikolu 6 (3) (c) ma jfissirx li l-procediment penali ghandu jitwaqqaf jew li t-tqieghed tal-istqarrija fl-atti tal-kawza jtabba l-process kollu.*

*L-esponenti jissottometti wkoll illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija guramentata mehuda mill-Magistrat Inkwerenti, tali stqarrija ttiehdet in konformita` mad-disposizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali.*

*In kwantu ghal-lanjanza li tirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jaghmel riferenza ghall-pronunzjamenti ricenti moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fir-referenzi fl-ismijiet **`Ir-Repubblika ta` Malta vs Migneco`** deciza fil-15 ta` Novembru 2011 u **`Ir-Repubblika ta` Malta vs Dimech`** deciza fl-10 ta` Jannar 2012 fejn din il-Qorti cahdet lanjanza taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante illi dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkuzata b`reat u mhux qabel.*

*L-esponenti jissottometti wkoll illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti fis-sens li jigu sfilzati l-istqarrijiet moghtija mir-rikorrenti huwa rimedju li mhux gustifikat. Illi r-rimedju taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni huwa rimedju straordinarju u jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares id-drittijiet tal-individwu. Fil-kaz odjern, il-procedura `ordinarja` ghadha ghaddejja filwaqt l-funzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti jirrigwarda l-kompatibilita` tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija mal-Konvenzjoni Ewropeja u mal-Kostituzzjoni ta` Malta u kwistjoni ta` sfilz ta` l-*

*istqarrijiet ghandha tkun konsidrata mill-Qorti ta` gurisdizzjoni penali li tgawdi gurisdizzjoni biex tevalwa l-validita` u l-ammissibilita` tal-provi migjuba quddiemha fil-kawza kriminali ghall-fini ta` dik il-kawza.*

*In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta` dawn l-Artikoli.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-rikorrent fit-28 ta` Frar 2013.

Rat id-deposizzjoni tax-xiehda tal-Ispettur Pierre Grech fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-intimat fil-31 ta` Mejju 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tat-22 ta` Settembru 2014 li permezz tieghu din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-23 ta` Settembru 2014 fejn *inter alia* kienet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Dicembru 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Fatti

### 1) L-istqarrija tat-23 ta` Lulju 2009 (Dok X/Dok AG1)

Ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija fit-23 ta` Lulju 2009 waqt interrogatorju kondott mill-Ispettur Norbert Ciappara fil-presenza tal-Ispettur Pierre Grech. Dak iz-zmien ir-rikorrent kellu 36 sena. Qabel beda jwiegeb ghad-domandi li saru, ir-rikorrent inghata twissija li tghid : *M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista` jingieb bi prova.* Ezatt wara din it-twissija jidhru l-firem taz-zewg ufficjali tal-pulizija u r-rikorrent. Diversi kienu l-mistoqsijiet li r-rikorrent wiegeb ghalihom. Kien hemm ohrajn (ara fol 25) li ghazel ma jwegibx. Qabel iffirma l-istqarrija flimkien maz-zewg ufficjali tal-pulizija, ir-rikorrent iddikjara li kien lest jikkonferma l-istqarrija bil-gurament quddiem Magistrat, kif ukoll illi ghamel l-istaqarrija volontarjament minghajr theddid, weghdi jew promessi ta` vantagg. Inoltre kkonferma li l-istqarrija hija vera, u li wara li nqrat lilu, ma ried izid inaqqas jew ibiddel xejn minnha.

### 2) Ix-xiehda tar-rikorrent fl-24 ta` Lulju 2009 quddiem il-Magistrat (Dok Y)

Ir-rikorrent xehed quddiem il-Magistrat (illum Onor Imhallef) Antonio Mizzi fl-24 ta` Lulju 2009. Fost hwejjeg ohra, ikkonferma li qabel ittiehdet l-istqarrija mill-pulizija fit-23 ta` Lulju 2009 huwa kien inghata t-twissija. Ikkonferma li ghamel l-istqarrija minn rajh u li hadd ma sfurzah.tat-23 ta` Lu

### 3) Ix-xiehda tal-Ispettur Pierre Grech tat-30 ta` Mejju 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta

**Fil-qosor,** l-Ispettur Pierre Grech xehed illi huwa kien ilu sida` snin stazzjonat fl-Iskwadra kontra d-Droga. Fit-22 ta` Lulju 2009, ir-rikorrent kien twaqqaf mill-Pulizija u nstab li kellu d-droga. Wara li kien investigat, tressaq il-Qorti fl-24 ta` Lulju 2009 b`akkuzi konnessi mad-droga. Id-droga kienet kokaina u kienet go kapsol. Jidhirlu li l-ammont ta` droga li kellu r-rikorrent fil-pussess tieghu kien ta` madwar nofs kilo. L-istqarrija ttiehdet fit-23 ta` Lulju 2009 wara li r-rikorrent inghata twissija. Fiz-zmien meta saret l-istqarrija, ma kienx ghadu dahal fis-sehh id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Dak id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta` Frar 2010. Qal illi r-rikorrent kien sejjer ighaddi guri.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

a) **Ir-rikorrent**

Isostni li skond il-gurisprudenza, id-dritt ghal smigh xieraq huwa applikabbli anke qabel persuna tkun formalment akkuzata ("**Imbroscia vs Switzerland**" deciza mill-ECHR fl-24 ta` Novembru 1993 ; u "**Il-Pulizja vs Alvin Privitera**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-11 ta` April 2011).

Ir-rikorrent jaghmel rassenja tal-gurisprudenza tal-qrati taghna. Jirreferi ghas-sentenzi "**Il-Pulizija vs Mark Lombardi**" u "**Il-Pulizija vs Esron Pullicino**" decizi t-tnejn mill-Qorti Kostituzzjonali fil-12 ta` April 2011. Skond dawn is-sentenzi, meta persuna tkun arrestata u tirrilaxxja stqarrija minghajr ma tinghata l-fakolta` li tikkonsulta avukat issir vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta` smigh xieraq.

Ighid illi in segwitu kien hemm bidla li marret dijametrikament ghall-oppost. Jirreferi ghal "**Joseph Bugeja vs l-Avukat Generali"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta` Jannar 2013, "**Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013 u "**Il-Pulizija vs Amanda Agius**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013.

Jirrileva illi fis-sentenza "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Alfred Camilleri**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` Novembru 2012, kien dikjarat illi stqarrija li tinghata minghajr assistenza legali ghandha tigi sfilzata mill-process kriminali ghaliex dik l-istqarrija tkun nulla u bla effett.

Ir-rikorrent jaghmel analizi tal-evoluzzjoni tal-gurisprudenza tal-ECHR, u jaghmel riferenza ghas-sentenzi : "**John Murray vs United Kingdom**" deciza fil-25 ta` Jannar 1996 ; "**Magee vs The United Kingdom**" deciza fis-6 ta` Gunju 2000 ; "**Salduz vs Turkey**" deciza fis-27 ta` Novembru 2008 ; "**Pischalnikov vs Russia**" deciza fil-24 ta` Settembru 2009 ; "**Dayanan vs Turkey**" deciza fit-13 ta` Ottobru 2009 ; "**Yesilkaya vs Turkey**" deciza fit-8 ta` Dicembru 2009 ; "**Boz vs Turkey**" deciza fid-9 ta` Frar 2010 ; "**Nechiporuk and Yonkalo vs Ukraine**" deciza fil-21 ta` April 2011 ; u "**Huseyn and Others vs Azerbaijan**" deciza fis-26 ta` Lulju 2011.

Ir-rikorrent jikkontendi li skond din il-gurisprudenza, il-lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu huwa evidenti ghaliex ma nghatax l-ghazla li jitlob assistenza legali, u dan mhux ghaliex kien hemm xi "*compelling reasons*" jew ghaliex espressament irrinunzja ghal dak id-dritt, izda ghaliex il-ligi Maltija vigenti dak iz-zmien ma kenitx tipprovdi ghal dak id-dritt.

**b) L-intimat**

Jissottometti illi r-rikorrent kien irrilaxxja zewg stqarrijiet : l-ewwel wahda fit-23 ta` Lulju 2009 waqt l-interrogazzjoni ; u t-tieni stqarrija fl-24 ta` Lulju 2009 quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

It-tnejn kienu rilaxxjati qabel r-rikorrent kien akkuzat.

Ighid l-intimat illi mill-provi rrizulta illi qabel ma rrilaxxa l-istqarrija waqt l-interrogazzjoni, ir-rikorrent inghata t-twissija.

Jikkontendi l-intimat illi l-Art 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghall-kaz tal-lum ghaliex id-disposizzjoni tghodd biss meta persuna tkun akkuzata b`reat u mhux qabel.

Issir riferenza ghall-kazi ta` "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Dimech**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` April 2013 u ta` "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Migneco**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Novmebru 2011, fejn kien deciz illi stante li l-grajja li dwarha kien hemm ilment kostituzzjonali, sehhet qabel ma nbeda xi procediment fil-konfront tal-akkuzat, l-ilment kien jaqa` lil hinn mill-ambitu tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

L-intimat jkompli jsostni illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta` assistenza legali izda jezisti biss id-dritt ta` smigh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b`reat kriminali.

Ighid illi l-ECHR qatt ma sostniet illi jekk persuna ma tkunx assistita minn avukat waqt interrogazzjoni, allura awtomatikaent dik il-persuna tkun sofriet ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

Id-dritt ghal smigh xieraq ghandu jigi evalwat fit-totalita` tal-proceduri u mhux biss fir-rigward ta` mument kif qed jipprova jaghmel r-rikorrent.

(ara : "**Imbroscia vs Switzerland**" deciza fl-24 ta` Novembru 1993, u "**Ahmet Mete vs Turkey**"deciza fil-25 ta` April 2006).

Isostni l-intimat illi l-Qorti Kostituzzjonali diga` kellha l-opportunita` illi tippronunzja ruhha dwar lanjanza simili ghal dik tal-lum fil-kawza "**Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**" li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Ottobru 2012. Hemm il-Qorti sabet illi ghalkemm ir-

rikorrent ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju, dak il-fatt fih innifsu ma kienx iwassal ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Fil-kaz tar-rikorrent, irrizulta li ma kienx imgieghel jaghti l-istqarrija. Apparti dan, ir-rikorrent kien inghata t-twissija skont il-ligi.

Mhux kontestat illi r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanzi li wassluh sabiex jiffirma.

L-intimat jaghmel referenza ghas-sentenzi "**Il-Pulizija vs Amanda Agius**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013, "**Plonka vs Poland**" deciza mill-ECHR fil-31 ta` Marzu 2009 u "**Huseyn and Others vs Azerbaijan**" deciza mill-ECHR fis-26 ta` Lulju 2011. Ighid illi l-ECHR sabet vjolazzjoni biss meta l-prova ta` l-htija tal-akkuzat tkun tirrizulta biss mill-istqarrija rilaxxjata. Kien hemm kazi fejn l-ECHR tat importanza lill-vulnerabilita` tal-persuna minhabba l-eta`. Issa fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent huwa persuna ta` certa` maturita` ghaliex kellu 36 sena meta rrilaxxja l-istqarrija ; dan apparti l-fatt illi kien diga` nstab hati mill-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali. Il-fatt li r-rikorrent ghazel li jwiegeb certi mistoqsijiet u ma jwegibx ghal ohrajn juri li r-rikorrent kien qed jifhem dak li kien qed jinghad. Wiehed ghandu jzomm jqis ukoll illi qabel ma dahlet fis-sehh il-ligi li ipprovdi l-assistenza legali, il-Kap 9 ma kienx jipprovdi ghal inferenzi mis-silenzju tal-persuna li tkun qed tigi interrogat. Ghalhekk jekk persuna kienet taghzel li ma twegibx mistoqsija, qatt ma setghet tinkrimina ruhha b`daqshekk.

L-intimat ikompli jirrileva illi r-rikorrent ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem Magistrat u rrefera ghall-kawza kostituzzjonali "**Il-Pulizija vs Amanda Agius**" li kienet deciza fit-22 ta` Frar 2013.

L-intimat jishaq li trid ssir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u dawk il-kazijiet fejn l-kaz ikun ghadda in gudikat. Ghalhekk mir-referenzi kollha li jaghmel ir-rikorrent, dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet : "**Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**" deciza fit-8 ta` Ottobru 2012 ; "**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**" deciza fil-25 ta` Jannar 2013 ; "**Il-Pulizija vs Amanda Agius**" deciza fit-22 ta` Frar 2013 ; "**Il-Pulizija vs Tyrone Fenech"** deciza fit-22 ta` Frar 2013; "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Carmel Camilleri**" deciza fit-22 ta` Frar 2013 u "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Martin Dimech**" deciza fis-26 ta` April 2013.

Skond l-intimat, jirrizulta car minn analizi tal-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali illi l-Qorti taghti importanza ghall-kwistjoni tal-vulnerabilita` tal-akkuzat, u stabbiliet il-principju illi kull kaz ghandu jigi analizzat u evalwat

fil-fattispecie partikolari tieghu.

Dwar ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent u cioe` l-isfilz tal-istqarrijiet, l-intimat jissottometti illi ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghal dan. Il-kwistjoni tal-isfilz tispetta lill-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali mhux lil din il-qorti. Fil-kazi fejn Qorti ta` Gurisdizzjoni Kostituzzzjonali tkun sabet lezjoni tal-jedd fondamentali tal-akkuzat, ir-rimedju li nghata kien illi ma kellhomx jintuzaw l-istqarrijiet fil-proceduri gudizzjarji mhux li jigu sfilzati.

## IV. Sottomissjonijiet bil-fomm

### a) Ir-rikorrent

Skond ir-rikorrent, ghax tinstab vjolazzjoni minhabba l-vulnerabilita` tal-akkuzat ghaliex ikun minuri, m`ghandux ifisser illi l-jedd fondamentali vjolat huwa tal-minuri ; tibqa` l-vjolazzjoni ghad-dritt fundamentali tal-bniedem. Il-fatt li l-persuna tkun minuri huwa aggravju fic-cahda ta` dak d-dritt. Id-dritt fundamentali jibqa` dak tal-akkuzat huwa min hu. L-interrogazzjoni hija parti mill-process kriminali u ghalhekk jista` jaghti l-kaz illi jekk ma jkunx hemm l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, id-drittijiet tal-akkuzat jigu rrimedjabilment ppregudikati. L-ottika ghandha tkun dejjem soggettiva mhux oggettiva.

Skond il-gurisprudenza tal-ECHR, l-oneru tal-prova li jiggustifika c-cahda huwa fuq l-Istat. Fil-kaz tal-lum ma tirrizulta l-ebda prova da parti tal-Istat li setghet tiggustifika c-cahda ta' dritt ghall-assistenza legali. Fil-kaz ta` "**Dayayan vs Turkey**" l-ECHR qalet illi minghajr thares lejn il-vulneralita`, l-eta`, jew l-fedina penali, iil-fatt wahdu li s-sistema legali ma kienx jipprovdi ghal assistenza legali dak fih innifsu kien vjolazzjoni tal-Art 6.

### b) L-intimat

L-intimat jissottometti illi l-Art 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghal dan l-kaz billi r-rrikorrent qieghed jilmenta minn fatt li gara waqt l-interrogazzjoni. Ghalhekk f`dak il-mument ma kienx ghadu akkuzat u kwindi l-Art 39 ma japplikax.

L-Art 6 tal-Konvenzjoni japplika ghal *pre trial phase*. Ghalhekk jista` jigi invokat ghall-istadju tal-investigazzjoni u interrogazzjoni. Lezjoni tal-Art 6 trid tirrizulta minn analizi tat-totalita` tal-proceduri, mhux minn fatt partikolari biss. F`numru ta` kazi nstabet lezjoni mhux minhabba vulnerabilita` izda

minhabba l-fatt illi l-unika prova li kellha l-Qorti kienet l-istqarrija. Din ic-cirkostanza ma tghoddx ghall-kaz tal-lum. Mhux biss izda fil-kaz tal-lum ir-rikorrent kkonferma l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. F`cirkostanza ta` din ix-xorta il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi s-salvagwardji tal-Art 6 kienu mharsa.

## V. <u>Risultanzi</u>

Ir-rikorrent qieghed jilmenta li garrab ksur tal-jedd fondamentali tieghu ta` smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("Il-Kostituzzjoni) u bl-Art 6(1) u (3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("Il-Konvenzjoni") bhala konsegwenza tal-fatt illi meta rrilaxxja l-istqarrija lill-Pulizija fit-23 ta` Lulju 2009 kif ukoll meta xehed bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-24 ta` Lulju 2009 ma kellux id-dritt li jikkomunika mal-avukat tieghu, billi dak iz-zmien il-ligi taghna ma kenitx tipprovdi ghal dak id-dritt.

Irrizulta bhala fatt illi r-rikorrent kien arrestat mill-Pulizija fit-22 ta` Lulju 2009. Fit-23 ta` Lulju 2009, fl-istadju tal-interrogazzjoni mill-Pulizija, ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija ffirmata. Qabel beda jwiegeb ghad-domandi tal-Pulizija, huwa inghata t-twissija. Irrizulta li r-rikorrent fehem x`kienet tfisser it-twissija tant li ffirmaha. Irrizulta li r-rikorrent ghazel li jwiegeb ghal ghad ta` domandi li saru waqt li ghal ohrajn ghazel li ma jwegibx. Fl-24 ta` Lulju 2009, ir-rikorrent deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti u kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-istqarrija tat-23 ta` Lulju 2009.

Ghalkemm ma kienx specifiku, jidher illi fil-kaz tal-**<u>Art 39 tal-Kostituzzjoni</u>**, ir-rikorrent qieghed jirreferi ghas-**<u>subinciz (1)</u>** li jaqra :-

*Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.*

Fil-kaz tal-**<u>Art 6 tal-Konvenzjoni</u>**, ir-rikorrent kien specifiku fis-sens illi rrefera ghas-**<u>subinciz (1) u ghas-subinciz (3) paragrafu (c</u>**).

Il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk il-partijiet ta` dawn id-disposizzjonijiet li huma **<u>rilevanti</u>** ghall-kaz taht ezami :-

*(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi …*

*(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin … (c) li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta' assistenza legali maghmula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk ;*

**Dan premess, il-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis l-ilment tar-rikorrent skond l-<u>Art 39 tal-Kostituzzjoni</u>.**

Illi l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta jaghmilha cara li l-jedd ta` smigh xieraq fil-qafas ta` proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstema` minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi. It-tifsira illi taw il-Qrati taghna ghal din id-disposizzjoni hija li din tapplika biss fejn ikun beda proceddiment quddiem qorti li, fl-gheluq ta` dak il-procediment, tista` tasal biex taghti decizjoni li tiddetermina l-htija jew in-nuqqas ta` htija tal-persuna akkuzata. Ghalhekk l-Art 39 tal-Kostituzzjoni la jghodd ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Inkwirenti (ara s-sentenza ta` din il-Qorti tas-17 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**<u>Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali et</u>**") u lanqas ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**<u>Anthony Zarb vs Ministru tal-Gustizzja et</u>**").

Billi c-cirkostanzi li dwarhom ir-rikorrent qieghed jilmenta sehhew qabel ma nbeda xi procediment kriminali kontra tieghu, din il-Qorti ssib li l-ilment tieghu ma jistax jinghata konsiderazzjoni fl-ambitu tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

**Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-ilment tar-rikorrent skond l-Art 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni.**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) tat-**<u>30 ta` Mejju 2014</u>** fil-kawza "**<u>Peter Joseph Hartshorne vs Avukat Generali et</u>**" sar ezami akkurat tar-rabta bejn iz-zewg disposizzjonijiet tal-Art 6 li abbazi taghhom qieghed jilmenta r-rikorrent, kif ukoll saret analizi tal-kurrenti ta` l-gurisprudenza tal-Qrati taghna u tal-ECHR fl-interpretazzjoni ta` l-Art 6. Din il-Qorti sejra tirreferi ghal brani minn dik is-sentenza li jitfghu dawl fuq kif ghandu jitqies il-mertu tal-kawza tal-lum.

Jinghad hekk *inter alia* :-

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tieghu ghal dan il-kaz, dan jipprovdi li : "(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin ... (c) li jiddefendi*

*ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk" ;*

*Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jinghad ghaliex "the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial" (ara : Van Dijk, van Hoof, Zwaak : "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" : 4th Edition : 2006 : pag 631) ;*

*Illi f'dan ir-rigward, ghalhekk, jidher car li l-applikabilita' tal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik moghtija ghall-istess jedd taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll ghaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistghu jiddahhlu fis-sehh dwar stharrig ta' lment ta' ksur ta' jedd ghal smigh xieraq sa minn qabel mal-kaz jitressaq ghal smigh quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-procediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tharis fi stadju bikri ta' xi wiehed mid-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Dan jghodd ukoll fejn il-persuna mizmuma tibqa' fommha mehjut u ma tghidx kelma wahda [ara : Q.E.D.B. : 13.10.2009 : "Dayanan vs Turkija (Applik. Nru. 7377/03) §§ 32 – 3].*

*Illi llum il-gurnata jidher li ma ghad fadal l-ebda dubju li, ghall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wiehed ikun mghejjun minn avukat maghzul minnu nnifsu jew imqabbad ghalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn ihallas avukat, jibda jghodd sa minn qabel is-smigh proprju tal-kaz kriminali. Jidher li din it-tifsira harget mill-fatt li ladarba l-harsien tal-jedd ta' smigh xieraq fejn jidhol it-tul taz-zmien ta' kawza taht l-artikolu 6(1) jghodd f'kull stadju tal-procediment [Q.E.D.B. : 24.11.1993 : "Imbrioscia vs Svizzera" (Applik. Nru. 13972/88) § 36] ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tghodd ukoll ghal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suggetta ghall-procediment kriminali ghandha jedd tgawdi taht is-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mghejjuna minn avukat imqar waqt il-fazi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett ghad-dritt li l-ebda persuna ma ghandha tithalla jew tkun imgeghla tinkrimina lilha nnifisha ;*

*Illi maz-zmien, it-thaddim moghti lil dan is-sub-artikolu fejn jidhol il-jedd ta' assistenza ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun ghadha mizmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istharrig tal-istess reat, u qabel ma jkunu nhargu kontra taghha akkuzi specifici, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jinghata harsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd [14 Q.E.D.B. (GC) 27.11.2008 fil-kawza fl-ismijiet "Salduz vs Turkija" (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza moghtija mit-Tieni Sezzjoni fl-26.4.2007 li ma kinitx sabet ksur tal-art.*

*6(3)(c) tal-Konvenzjoni]. Dan il-jedd tal-prezenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal- "procediment" ma jistax jiccahhad jekk mhux ghal "ragunijiet tajbin" [15 Q.E.D.B. (GC) 25.1.1996 fil-kawza fl-ismijiet "Murray vs Renju Unit" (Applik. Nru. 18731/91) § 63] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mghejjuna minn avukat [Q.E.D.B. 23.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet "Yoldas vs Turkija" (Applik. Nru. 27503/04) § 5116]. F'dan ir-rigward inghad li "neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance" [Q.E.D.B. 15.9.2011 fil-kawza fl-ismijiet "Paskal vs Ukrajina" (Applik. Nru. 24652/04) §76]*

*Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bhal din, jaqa' fuq l-awtorita' pubblika li turi kemm li kien hemm raguni tajba biex iccahhad lil persuna milli tkun mghejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u minghajr theddid irrinunzjat ghal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistharrga b'reqqa mill-oghla Qorti taghna m'ilux u din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn terga' toqghod ittenni dak li inghad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi ghas-sentenza relative [Kost. 12.4.2011 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spett. Victor Aquilina) vs Mark Lombardi"] ;*

*Illi dik l-istess sentenza ssemmi wkoll liema huma c-cirkostanzi gravi u eccezzjonali li fihom wiehed jista' jiccahhad milli jkun mghejjun minn avukat qabel ma jhalli stqarrija bla ma jkun hemm ksur tal-artikolu 6. Maghhom, wiehed izid ukoll il-kaz fejn persuna tkun ghazlet li tirregistra ammissjoni tal-akkuzi mressqin kontra taghha u thalli l-process kollu ghaddej bla ma tqanqal ilment dwar it-tehid tal-istqarrija bla ghajnuna legali [P.A. Kost TM 14.10.2011 fil-kawza fl-ismijiet "Simon Xuereb vs L-Avukat Generali" konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali]. Jidher li tqajjem dubju wkoll kemm jghodd l-effett tas-sentenza f'Salduz dwar intervisti u dikjarazzjonijiet maghmulin minn persuna quddiem ufficjali tal-pulizija qabel ma persuna bhal dik tkun ghadha suspettata u mehuda taht il-kustodja tal-istess Pulizija [Supreme Court (U.K.) 6.10.2011 fil-kawza "Ambrose vs Harris (Procurator Fiscal) et - UKSC 43 (2011) li jidher li tibdel il-fehma mehuda mill-istess imsemmija Qorti fil-kawza "Cadder vs HM Advocate" UKSC 43 (2010)] ;*

*Illi l-Qorti taghraf ukoll li, dan l-ahhar, l-oghla Qorti Maltija tat fehmiet taghha dwar il-kwestjoni li bhalha din il-Qorti ghandha quddiemha llum, u dan billi, filwaqt li tenniet is-siwi u l-htiega tal-ghoti tal-jedd lil kull persuna suspettata li wettqet reat li tinghata l-fakulta' li tikkonsulta avukat tal-fiducja taghha qabel ma titlaq stqarrija lill-Pulizija, in-nuqqas ta' dan il-jedd ma jissarrafx wahdu fi ksur tal-jedd ta' smigh xieraq ta' dik il-persuna. Fl-istharrig taghha tal-qofol tal-kwestjoni dwar ir-rabta tal-jedd fundamentali ghal smigh xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-fatt li persuna ma tkunx inghatat li tinqeda bl-ghajnuna ta' avukat qabel u waqt li taghti stqarrija, dik il-Qorti qalet li "ma hemm ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarita', tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu*

*jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet. Ghalhekk, li trid taghmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm : li ghandha taghmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur. Li l-ezercizzju li trid taghmel il-qorti ma huwiex wiehed purament formali, biex tara biss jekk sehhx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluz mil-ligi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad- Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja. ... Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar ricenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteggjament, u tidher li trid taghti x'tifhem illi l-ghajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-process penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non ghal smigh xieraq." [Kost. 8.10.2012 fil-kawza fl-ismijiet "Charles Steven Muscat vs Avukat Generali"]. Dik il-Qorti fiehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma ghandhom jitqiesu li holqu xi kejl assolut dwar dan. Ghalhekk, minn hdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' hsieb li biha hasset li tkun qieghda tqieghed il-kwestjoni tal-ghajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas xieraq tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq ;*

*Illi, ghalhekk, dik il-Qorti sabet li fejn il-ligi nazzjonali tkun taghti harsien lill-parti investigata jew akkuzata ta' principji li wiehed jorbot ma' jeddijiet ewlenin moghtija lill-persuna mixlija, il-htiega li dik il-persuna tkun mghejjuna minn avukat waqt l-interrogazzjoni taghha ma jibqax daqshekk impellenti fuq is-siwi ta' stqarrija maghmula f'cirkostanzi bhal dawk. Kemm hu hekk, il-Qorti Kostituzzjonali ssoktat tghid li "Ir-referenza hawnhekk hija ghall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-ligi taghna kif kienet fiz-zmien relevanti ghall-kaz tal-lum, qabel ma dahlu fis-sehh l-art. 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setghet issir ebda inferenza minn dik l-ghazla. Ghalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joholqu l-htiega ta' parir legali biex l-interrogat jaghzel iwegibx jew jibqax sieket, ma jezistux fil-kaz tallum, ghax, ghalkemm l-attur ma setax jaghzel li jkellem avukat qabel ma jwiegeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jaghzel li ma jwegibx. Kien ikun mod iehor li kieku l-ligi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet. ... Ghandu jinghad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess kaz ta' Salduz osservat illi l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal ghal ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fil-kaz biss li, minhabba f'hekk, il-gustizzja tal-process tkun kompromessa ... F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' "Paskal v. l-Ukrajna" [Q.E.D.B. 15.9.2011 (Applik. Nru. 24652/04) § 78] : "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to*

*participate in the particular questioning was well-informed". Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx. Kif rajna, din l-ghazla seta' jaghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk ghamilha b'liberta' shiha. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'weghdiet ta' xi vantagg. Din il-liberta' fl-ghazla jekk iwegibx jew le taghti garanzija kontra kull pregudizzju minhabba awtoinkriminazzjoni. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetah il-kawza tallum – wara li kienet maghrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qieghed ihoss illi tqieghed taht svantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament" [Kost. 8.10.2012 fil-kawza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali]. Wara li qieset cirkostanzi ohrajn li kienu jghoddu ghal dak il-kaz, il-Qorti sabet li ma kienx sehh ksur tal-jedd ghal smigh xieraq …*

**Is-sentenza ta` "<u>Peter Joseph Hartshorne vs Avukat Generali et</u>" kienet ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali b`sentenza tas-27 ta` Frar 2015.**

**<u>Wara</u> li kienet deciza "<u>Peter Joseph Hartshorne vs Avukat Generali et</u>" fl-ewwel istanza <u>u qabel</u> dik is-sentenza kien ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali, <u>fil-31 ta` Ottubru 2014</u> il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fil-kawza "<u>George Pace vs Avukat Generali et</u>" fejn kompliet taghti direzzjoni preciza lill-gurisprudenza dwar l-Art 6 tal-Konvenzjoni.**

Fil-kawza ta` "**<u>Pace vs Avukat Generali et</u>**" inghad hekk :-

*"Din il-qorti tibda biex tghid illi qieghed ighid sew l-Avukat Ġenerali illi d-dritt li taghti l-liġi huwa dak ghal smigh xieraq u mhux ghall-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Iċ-ċahda ta' dik l-ghajnuna tista' twassal ghal ksur tal-jedd ghal smigh xieraq mhux ipso facto iżda jekk, minhabba f'dak in-nuqqas, l-attur ikun ġarrab preġudizzju inġust fid-drittijiet proċedurali tieghu. Iżda l-effett ta' dak in-nuqqas ghandu dejjem jitqies mhux bhala episodju iżolat li, ghalhekk biss u irrispettivament miċ-ċirkostanzi kollha, jikkostitwixxi ksur, iżda fil-kuntest tal-proċess shih, kif ġustament osservat l-istess Qorti Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' fil-każ ta' <u>Imbrioscia v. L-Isvizzera</u> :*

*"Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 311 may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

*Ukoll fil-każ ta' <u>Ahmet Mete v. it-Turkija</u> il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, ghalkemm f'dan il-każ ukoll ir-rikorrent ghamel stqarrija minghajr ma kellu ghajnuna ta' avukat. Il-qorti qalet hekk :*

*"26 …. [E]ven assuming that the authorities refused to assign him a*

*lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the İzmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the İzmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused. …*

*"27. The applicant's lack of access to legal assistance during the preliminary investigation cannot, therefore, be considered to have deprived him of a fair trial within the meaning of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*

*"28. The Court concludes that this complaint is manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention and must, therefore, be declared inadmissible."*

*Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid taghti x'tifhem illi l-ghajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non ghal smigh xieraq. Hekk, fil-każ ta' Salduz v. it-Turkija osservat illi :*

*"5. … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

*Ghandu jinghad iżda illi, kif osservat l-istess qorti ewropea fil-każ ta' Brincat u ohrajn v. Malta, ma ghandux jinghata "a very broad reading of the Court's case-law", fis-sens illi kull sentenza ghandha tinqara fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mhux neċessarjament tohloq preċedenti u regoli ta' applikazzjoni universali, li, wara kollox, hija setgha mhollija f'idejn l-organu leġislativ u mhux f'idejn dak ġudizzjarju.*

*Iċ-ċirkostanzi tal-każ ta' Salduz, kif ġà kellha okkażjoni tosserva din il-qorti, kienu estremi u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-Istat Tork kienu x'aktarx ta' natura politika – kien mixli, u eventwalment instab hati, talli ha sehem f'attività ta' partit politiku u wahhal strixxun (banner) bil-kliem "Long live the leader Apo" – u kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta dan kollu minghajr ma nghata l-ghajnuna ta' avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċahad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien ghamilha taht theddid, swat u maltrattament fiżiku u*

*psikoloġiku mill-pulizija. Ma kien hemm xejn minn dawn iċ-ċirkostanzi estremi u eċċezzjonali fil-każ tal-attur tallum.*

*Fil-każ ta' Dayanan, iżda, il-qorti fi Strasburgu hadet posizzjoni aktar radikali u qalet hekk :*

*"30. In relation to the absence of legal assistance in police custody, the Court reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial … … …*

*31. The Court considers that the fairness of criminal proceedings againsaccused persons requires as a general rule, for the purposes of Article 6 of the Convention, that they be able to obtain legal assistance as soon as he they are placed in custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which thCourt accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned … Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legalassistance while in police custody because it was not possible under the law then in force … A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody.*

*34. Accordingly, the Court finds that there has been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1."*

*Madankollu, ghalkemm din id-deċiżjoni tidher x'aktarx kategorika ma jidhirx li hija interpretazzjoni ghal kollox korretta tal-artikolu 6. Fil-fatt, fil-każ ta' Demirkaya, li nqata' dakinhar stess tal-każ ta' Dayanan mill-istess taqsima tal-qorti, ġie riaffermat il-prinċipju illi :*

*"13. The Court recalls that, in assessing whether or not a trial was fair, regard should be had to the entirety of the proceedings … … …"*

*Kompliet tghid hekk:*

*"15. The Court observes that the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody pursuant to Section 31 of Law no. 3842,*

*as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer during his interrogation by the police and the public prosecutor. Moreover, the Court observes that during his police interrogation, the applicant accepted the charges against him and this statement was subsequently used for his conviction by the trial court. The Court takes note of the fact that the applicant had legal representation during his questioning by the investigating judge. However, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the absence of a lawyer when his statement had been taken by the police as, although the applicant repeatedly denied his police statement, the State Security Court used this statement as the main evidence. The Court further finds it significant that the police statement of N.S., although retracted subsequently during the trial, was also used to confirm the applicant's police statement.*

*"16. In view of the foregoing, the Court considers that neither the assistance provided by a lawyer during the interrogation by the investigating judge, nor the adversarial nature of the subsequent criminal proceedings could cure the defects which occurred during the applicant's questioning by the police."*

*Relevanti illi l-akkużа kontra Demirkaya, bhal kontra Salduz, kienet ta' natura x'aktarx politika, ghax ġie mixli illi kien imsieheb ma' organizzazzjoni politika – PKK, il-partit tal-Haddiema tal-Kurdistan – illeċita taht il-liġi torka, illi waqt il-proċeduri kriminali ċahad dak li kien stqarr quddiem il-pulizija, u illi dik l-istqarrija, u stqarrija ohra ta' xhud mehuda fl-istess ċirkostanzi u li wkoll sussegwentement ġiet miċhuda minn min ghamilha, kienu x-xiehda ewlenija – "the main evidence" – kontrieh.*

*Fil-każ ta' <u>Pishchalnikov</u> ukoll il-Qorti Ewropea osservat illi :*

*"64. The Court further reiterates that the compliance with the requirements of fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of the isolated consideration of one particular aspect or one particular incident."*

*Dan juri illi diffiċilment tirrikjonċilja l-posizzjoni li qieghed jiehu l-attur illum ma' dik aktar serena u raġunata fil-każijiet ta' Imbrioscia u Ahmet Mete. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-posizzjoni li dejjem hadet il-Qorti Ewropea, u li, kif rajna, ġiet ri-affermata anki riċentement, illi, biex tqis jekk kienx hemm smigh xieraq, trid tqis il-proċedura fl-intier taghha u mhux fid-dawl ta' episodji isolati li ma jkollhomx effett hekk drastiku fuq il-proċediment illi jikkontaminawh irrimedjabilment. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-fatt illi d-dritt li taghti l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq, u mhux dak li kull nuqqas proċedurali jaghti lill-akkużat, hati jew mhux, dritt awtomatiku li jiġi liberat. Id-drittijiet imharsa huma drittijiet "fondamentali" mhux formali jew mekkaniċi ; iharsu interessi fondamentali ta' ġustizzja mhux l-interess ta' kull akkużat li b'xi mod jew iehor jiġi liberat, ukoll meta aliunde hemm xiehda biżżejjed kontrieh. Mhux ta' min ninsew illi mhux l-akkużati ghandhom id-drittijiet fundamentali taghhom, filwaqt li jixraq li jingharaf ukoll id-dritt daqstant iehor fondamentali ta' kull persuna u kull vittma potenzjali tal-kriminalità li tithares mill-hsara li*

*ġġib magħha d- delinkwenza.*

*Din il-qorti għal darba oħra ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq : ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li xiehda kontrih tiġi skartata, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu meta l-atti tal-proċeduri jagħtu biżżejjed affidament sabiex il-ġudikant jista' serenement jasal għall-ħtija ; ma jingħatax biex tingħata l-libertà lill-ħatja. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, ikun oltraġġ għall-kunċett innifsu tad-drittijiet fondamentali.*

*Din il-qorti għalhekk terġa' ttenni li dak li għandha tagħmel ma' la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm : li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-periklu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."*

**Din il-Qorti ccitat *in extenso* mis-sentenza fl-ewwel istanza ta` "<u>Peter Joseph Hartshorne vs Avukat Generali et</u>" u mis-sentenza fit-tieni istanza ta` "<u>George Pace vs Avukat Generali et</u>" ghaliex fil-fehma taghha jghoddu tajjeb ghall-kaz tal-lum fil-kuntest tal-fatti u tal-argumenti li ghamlu l-partijiet.**

In linea ta` principju, ghandu jinghad illi sabiex jigi dikjarat jekk hemmx inkella le lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ma hemmx bzonn li wiehed joqghod jistenna li l-kaz tieghu jigi finalizzat. Jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista` tiddikjara li kien hemm lezjoni, hija ghandha tezamina l-ilment sollevat.

Fil-ktieb taghha "**<u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u>**" (3rd Edition pg 70) Karen Reid tghid illi "*while the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".*

Propju ghalhekk din il-Qorti taccetta illi **<u>fil-principju</u>** n-nuqqas ta`

assistenza ta` avukat fl-istadju ta` investigazzjoni *tista`* tkun wahda mic-cirkostanzi fejn *"the framework in which the offence charged will be considered at the trial."*

Riferibbilment ghall-kaz propju tal-lum, u minn ezami akkurat tal-provi li gab `il quddiem il-partijiet, **ma jirrizultax** illi r-rikorrent irtira jew cahad kull ma qal fl-istqarrija lill-Pulizija jew bix-xiehda tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Ukoll minn ezami tal-atti ta` l-kawza tal-lum, specjalment skond ix-xiehda tal-Ispettur Pierre Grech, **ma jirrizultax** illi l-kaz tal-Pulizija kontra r-rikorrent huwa bbazat **biss** fuq l-istqarrija li ghamel ir-rikorrent lill-Pulizija u fuq ix-xiehda illi ta lill-Magistrat Inkwirenti. Jidher li hemm provi **ohra** kontra r-rikorrent. Dawn il-provi jirrizultaw mid-deposizzjoni tal-Ispetter Grech.

Anke din il-Qorti tirriafferma l-principju li d-dritt fundamentali huwa dak ta` s-smigh xieraq u mhux tal-ghajnuna ta` avukat waqt interrogazzjoni. Ma jgibx awtomatikament vjolazzjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq il-fatt li bhal fil-kaz tal-lum ir-rikorrent ma nghatax il-fakolta` li jsejjah avukat biex jaghtih assistenza waqt li qed jigi nterrogat mill-Pulizija, ghaliex fiz-zmien tal-kaz, ma kienx ghadu dahal fis-sehh dak id-dritt kif inhi l-ligi llum fl-ordinament penali taghna.

Abbazi tal-kostatazzjonijiet li ghamlet fuq il-bazi tal-provi li tressqu, din il-Qorti **ma ssibx** li kien vjolat id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq skond l-Art 6 tal-Konvenzjoni, anke jekk meta rrilaxxja l-istqarrija lill-Pulizija r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat, ladarba rrizulta li l-Pulizija mhux biss taghtu t-twissija, izda fissritlu x`kien l-import tat-twissija, u cio` nonostante, mhux biss iffirma t-twissija, mhux biss irrilaxxja l-istqarrija, mhux biss iffirma l-istqarrija fit-totalita` taghha, izda sahansitra kkonferma l-kontenut taghha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Ma tirrizulta l-ebda prova li r-rikorrent kien jew seta` kien persuna vulnerabbli. Anzi rrizulta l-maqlub. Infatti r-rikorrent mhux biss accetta liberament li jirrilaxxja l-istqarrija izda tant fehem l-import tat-twissija illi nghatat lilu qabel bdiet l-isqtarrija illi fejn dehrlu, wiegeb ghal domandi tal-Pulizij, u fejn deherlu li ma kellux iwiegeb, baqa` ma wegibx, kif del resto kellu kull dritt illi jaghmel.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti trid tghid illi *una volta*, kif irrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Pierre Grech, ir-rikorrent se jghaddi guri, allura dak ghandu jfissier illi kull cirkostanza u prova ohra, inkluz l-istqarrija guramentata tar-rikorrent, sejrin jingiebu ghall-konoxxenza ta` l-imhallfin tal-fatti. Ir-

rikorrent ghad irid jghaddi mill-guri, bil-garanziji procedurali kollha li dan jaghti u cioe` illi jridu jingiebu l-provi kollha, u mhux biss dak li stqarr ir-rikorrent. Matul dak il-procediment, ir-rikorrent sejjer ikollu l-ghajnuna ta' avukat. M`ghandux ikun hemm l-icken dubju li matul dak il-procediment, l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-htiega li jsir apprezzament tal-assjem tal-provi – **xejn eskluz** – meta l-gurati jigu biex jiddeciedu dwar il-htija.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**